# It-8 Sena – l-Assessjar Kontinwu ***Rivedut***

**30%: 6% kitba; 6% qari; 6% smigħ; 6% taħdit; 6% letteratura**

Minbarra l-kisbiet irrapportati, hemm kisbiet oħra li jinsabu fis-sillabu li jridu jiġu mgħallma u assessjati matul il-proċess sħiħ tat-tagħlim tul is-sena kollha, skont kif hemm fis-sillabi uffiċjali.

Is-sillabu jipprevedi li b'mod ġenerali, l-istudenti jitħarrġu minn tal-inqas fi **8 ħidmiet** għal kull waħda minn dawn il-ħiliet (kitba, qari, taħdit, smigħ) u **f'6 ħidmiet** għal kull wieħed minn dawn il-ġeneri letterarji (poeżija, novelli, rumanz). Inklużi f'dawn il-ħidmiet hemm **12-il biċċa xogħol** li għandhom jintużaw għall-assessjar kontinwu biex tinħareġ it-30% tal-marka globali fl-aħħar sena.

K= Kisba (KK – kisba tal-kitba; KQ – kisba tal-qari; KS – kisba tas-smigħ; KT – kisba tat-taħdit)
R= Rotta

## Il-Kitba (**5 ħidmiet**)

| | |
|---|---|
| 1 | **Kitba fattwali: bħal komponimenti, artikli, u rapporti** (KK 4) |
| 2 | **Kitba deskrittiva: fuq persuni, u postijiet** (KK 5) |
| 3 | **Kitba argumentattiva: vantaġġi, żvantaġġi, u opinjoni** (KK 6) |
| 4 | Kitba letterarja: tqabbil/elementi komuni f'testi letterarji tal-istess ġeneru (KK 8) |
| 5 | **Riċensjoni: bħal film, dramm, u ktieb** (KK 9) |

Dawk li huma fil-grassett huma meqjusa bħala l-kitbiet twal.
Ammonti ta' kliem:
Kitba ġenerali - R3: 200 – 250 kelma; R2: 150 – 200 kelma; R1: 120 – 150 kelma.
Kitba letterarja - madwar 100 kelma.

---

## Il-Qari (**2 ħidmiet**)

| | |
|---|---|
| 1 | Taħriġ il-fehem minn qari ta' testi fattwali differenti, li jista' jittieħed minn riklami biex ibigħu, kotba fattwali biex jgħallmu, gazzetti biex jinfurmaw u l-bqija (KQ 2, KQ 3) u li jinkludi taħriġ tal-aspetti tal-Metalingwa skont programm propost fis-sillabu. |
| 2 | Taħriġ fl-għażla ta' ideat primarji u sekondarji minn ġeneri differenti ta' testi u kitba (KQ 4 u KQ 6) |

18-il marka kull taħriġ il-fehem + 2 marki (marka ortografija u marka punteġġjatura li jingħataw lil dawk l-istudenti li ma jkollhomx (għadd minimu ta') żbalji ortografiċi fit-tweġibiet tagħhom u li jwieġbu b'mod xieraq b'sintassi ċara u li tiġġustifika l-marka mogħtija.

---

## Is-Smigħ (**2 ħidmiet**)

| | |
|---|---|
| 1 | Assessjar magħmul minn **ŻEWĠ** testi fattwali differenti bil-mistoqsijiet fuq kull test. (KS 2, KS 5 u KS 8) |
| 2 | Assessjar magħmul minn **ŻEWĠ** testi komunikattivi differenti bil-mistoqsijiet fuq kull test. (KS 1, KS 3 u KS 4) |

It-testi jistgħu jkunu moqrija jew irrekordjati. Irid ikun hemm bilanċ bejniethom it-tnejn.

It-test tas-smigħ għandu jkun twil madwar: R3: 350 kelma; R2: 325 kelma; R1: 300 kelma.

Iridu jitfasslu mistoqsijiet referenzjali, inferenzjali u mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma u l-lessiku Malti skont kif użati fit-test.

Marka minn 10.

---

## It-Taħdit (**ħidma waħda**)

Issir Preżentazzjoni **WAĦDA**: għażla bejn dik ta' xeħta letterarja (KT 5,KT 6, KT 7) ***JEW*** kulturali (KT 4). Marka minn 10.

---

## Il-letteratura (**2 ħidmiet**)

| | |
|---|---|
| 1 | Assessjar li jkun fih poeżija unseen **u** silta minn novelli. |
| 2 | Assessjar li jkun fih poeżija unseen **u** silta mir-rumanz. |

Marka minn 15 għal kull ħidma.

---